C/2026/5593

6.11.2026

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ottubru 2026

dwar il-kontinwità operazzjonali u l-linji gwida dwar l-ittestjar tal-istress għall-punti ta' kuntatt nazzjonali fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

(C/2026/5593)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 196(1), il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha tippromwovi kooperazzjoni operazzjonali rapida u effettiva fl-Unjoni bejn is-servizzi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili.

(2) L-Unjoni għandha kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, kif stipulat fil-punt (f) tal-Artikolu 6 tat-TFUE.

(3) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni"), stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u li jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex itejjeb l-effettività tas-sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

(4) L-Unjoni rat diversi avvenimenti ta' tfixkil kbir f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-tfixkil kbir fl-IT fl-2024, il-Maltempata Éowyn fl-Irlanda f'Jannar 2025, u l-blackout tal-2025 fil-Peniżola Iberika. Avvenimenti ta' tfixkil jistgħu jipprevjenu jew idewmu l-funzjonament tas-sistemi tal-protezzjoni ċivili, li jenħtieġ li jibqgħu operattivi 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa ("24/7").

(5) L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jistipula li ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Rispons ta' Emerġenza (l-"ERCC") għandu jiżgura kapaċità operattiva fuq bażi ta' 24/7 u jservi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-kisba tal-objettivi tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/704 ([2]) jispeċifika wkoll li kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali (NCP) għall-ERCC li jkun disponibbli 24/7.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Frar 2023 dwar l-għanijiet tal-Unjoni għar-reżiljenza għad-diżastri ([3]) tappella lill-ERCC u lill-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili fl-Istati Membri u fl-Istati parteċipanti fl-UCPM, fil-mandati rispettivi tagħhom, biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-ippjanar tal-kontinwità tal-operat tagħhom. Tispeċifika wkoll li l-mekkaniżmu jenħtieġ li jappoġġa t-twettiq simultazzjonijiet ta' kriżi biex tiġi ttestjata l-kontinwità tal-operat taċ-ċentri tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u jaħdem mal-Istati Membri dwar l-azzjonijiet li jittieħdu mit-tagħlimiet li jittieħdu u mir-rakkomandazzjonijiet. L-ittestjar tal-istress taċ-ċentri tal-operazzjonijiet ta' emerġenza madwar l-Ewropa serva bħala l-inizjattiva ewlenija tal-Għan numru 5, intitolat "L-iżgurar ta' sistema robusta ta' protezzjoni ċivili", kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għanijiet tal-Unjoni Ewropea għar-Reżiljenza għad-Diżastri ([4]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/1313/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/704 tal-10 ta' April 2025 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE u (UE) 2019/1310 (ĠU L, 2025/704, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/704/oj).

([3]) ĠU C 56, 15.2.2023, pp. 1-11.

([4]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Għanijiet tal-Unjoni Ewropea marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri: Naġixxu flimkien biex nittrattaw emerġenzi futuri", 8.2.2023, COM (2023) 61 final.

(7) Dawk l-isforzi jallinjaw ma' oqfsa oħra li għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza, inklużi l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza ([5]) u r-rekwiżiti bażi tan-NATO għar-reżiljenza nazzjonali ([6]). B'mod speċifiku, Azzjoni 51 tal-Istrateġija titlob għall-adozzjoni tal-linji gwida għas-"simulazzjoni ta' kriżi" għar-reazzjoni f'każ ta' emerġenza u ċ-ċentri tal-kriżijiet madwar l-UE.

(8) F'dak il-kuntest, huwa meħtieġ li ssir enfasi fuq il-kontinwità operazzjonali tal-NCPs tal-UCPM u li tiżdied ir-reżiljenza tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jibqgħu operazzjonali matul avvenimenti ta' tfixkil, billi jissaħħu l-pjanijiet u l-prattiki ta' kontinwità operazzjonali tagħhom permezz ta' evalwazzjoni sistematika u ttestjar tal-istress.

(9) Barra minn hekk, il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jistgħu jsiru disponibbli għal intervent fuq talba permezz tal-UCPM jistgħu ma jkunux jappartjenu għall-awtorità tal-NCP. L-iżgurar tal-komunikazzjoni mal-entitajiet li jimmaniġġjaw dawk il-kapaċitajiet matul it-tfixkil huwa essenzjali għall-kontinwità operazzjonali tal-UCPM.

(10) L-arranġamenti biex tiġi żgurata l-kontinwità jistgħu faċilment ma jiġux innutati sakemm iseħħ tfixkil. Tfixkil bħal dan mhux neċessarjament jirriżulta minn kriżi jew emerġenzi kbar, iżda jista' jirriżulta minn inċidenti żgħar jew minn kundizzjonijiet traskurati jew subottimali. Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet infurmat dwar miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni, l-ippjanar tal-kontinwità operazzjonali għall-NCP jirrikjedi l-identifikazzjoni tal-kawżi potenzjali ta' tfixkil li jaffettwaw il-funzjonijiet essenzjali tal-NCP ([7]). Barra minn hekk, il-persunal li jaħdem f'xifti jiet 24/7 jiffaċċja sfidi psikosoċjali u ta' benesseri uniċi, inklużi problemi tas-saħħa li jirriżultaw minn xifti jiet ta' billejl, stress relatat max-xogħol, u separazzjoni mill-familja. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn il-kwistjonijiet jistgħu jikkontribwixxu għal eżawriment, dawran għoli u nuqqas potenzjali ta' persunal.

(11) L-arranġamenti tal-kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jibqgħu effettivi irrispettivament min-natura jew mill-kawża tat-tfixkil, kemm jekk jirriżultaw minn perikli naturali, minn aċċidenti, minn ħsarat tekniċi, minn żbalji umani, minn qtugħ fl-infrastruttura jew fl-utilitajiet, minn nuqqas ta' disponibbiltà ta' persunal fuq skala kbira, minn azzjonijiet intenzjonali jew malizzjużi, inklużi inċidenti ċibernetiċi u attivitajiet ibridi, jew minn kwalunkwe kawża oħra.

(12) Billi jħejju għal tfixkil potenzjali, il-NCPs iżidu l-kapaċità tagħhom li jirrispondu malajr u b'mod effettiv, filwaqt li jimminimizzaw id-durata u l-impatt ta' avvenimenti ta' tfixkil. Dik it-tħejjija mhux biss tiżgura li l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jerġgħu jibdew f'perjodu ta' żmien aċċettabbli iżda tillimita wkoll il-konsegwenzi negattivi għall-partijiet ikkonċernati u għall-atturi esterni li jiddependu fuq l-attività tal-NCP u tissalvagwardja l-missjoni u r-reputazzjoni tal-organizzazzjoni.

(13) It-tfixkil li joriġina minn inċidenti ċibernetiċi għandu karatteristiċi distintivi li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali; għall-kuntrarju ta' theddid ieħor għall-kontinwità operazzjonali, dan jista' jkun intenzjonat, jista' jippropaga f'sistemi interkonnessi, u jista' jikkomprommetti l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data u tal-komunikazzjonijiet, mhux biss id-disponibbiltà tagħhom.

(14) Taħriġ, eżerċizzji u aġġornamenti regolari huma fundamentali għal programm effettiv ta' kontinwità operazzjonali. Aktar ma jiġi pprattikat pjan ta' kontinwità operazzjonali ta' spiss, l-organizzazzjoni titħejja aħjar, hekk kif l-eżerċizzji jgħinu biex jiġu identifikati l-lakuni u biex il-persunal jiffamiljarizza ruħu mal-proċeduri. Persunal imħarreġ sew, b'fehim ċar tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu, jaħdem b'mod aktar effettiv matul it-tfixkil. Bl-istess mod, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-eżerċizzji jiżgura li jifhmu l-protokolli ta' komunikazzjoni u jkunu jafu x'għandhom jistennew matul avvenimenti ta' tfixkil reali.

(15) L-eżerċizzji, it-testijiet tal-istress u l-inċidenti reali jipprovdu lezzjonijiet siewja. Sabiex jiġi żgurat li l-pjan ta' kontinwità operazzjonali jibqa' validu, jenħtieġ li jiġi aġġornat regolarment biex jinkorpora t-tagħlimiet meħuda mit-taħriġ, l-eżerċizzji, it-testijiet tal-istress, l-avvenimenti reali, u l-avvanzi teknoloġiċi.

([5]) Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, 26.3.2025, JOIN(2025) 130 final.

([6]) Impenn biex tiżdied ir-reżiljenza, maħruġ mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Varsavja 8-9 ta' Lulju 2016.

([7]) Eżempji jinkludu aġġornamenti tas-software, bidliet mhux ikkomunikati fid-dominju tal-posta elettronika korporattiva, aġġornamenti mhux ikkomunikati tad-dettalji ta' kuntatt, nuqqas persistenti ta' persunal, jew l-irtirar simultanju ta' porzjon kbir ta' persunal essenzjali, li s-sostituzzjoni tiegħu ma tistax tibda sad-data tal-irtirar.

(16) Meta l-NCP ikun parti minn entità li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), it-tagħlimiet meħuda mit-test tal-istress jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwità tal-operat, il-ġestjoni tal-backup, l-irkupru minn diżastri, u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

(17) L-iżgurar tal-kontinwità operazzjonali tal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-protezzjoni ċivili jmur lil hinn mill-funzjonament tal-NCP tagħha. Għalhekk, din ir-Rakkomandazzjoni tista' sservi wkoll bħala referenza siewja għall-iżvilupp tal-kontinwità operazzjonali fl-organizzazzjonijiet nazzjonali u fis-sistemi tal-protezzjoni ċivili, f'konformità mal-premessa 7 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE.

(18) Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tkun komprensiva, u tirrifletti d-diversità tal-istrutturi u l-funzjonijiet tal-NCP madwar l-Istati Membri u l-Istati parteċipanti tal-UCPM. Jenħtieġ li tiġi applikata b'mod flessibbli u adattata għall-mandat, il-kuntest, iċ-ċirkostanzi u l-qafas operazzjonali ta' kull NCP, minħabba li kull NCP għandu karatteristiċi distinti, jopera f'qafas legali differenti, u jiffaċċja sfidi differenti, li jistgħu jirrikjedu approċċi mfassla apposta biex tiġi żgurata l-kontinwità operazzjonali.

(19) Din ir-Rakkomandazzjoni hija bbażata fuq l-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni 24/7 dwar il-Kontinwità Operazzjonali f'Avvenimenti ta' Tfixkil, stabbilit mill-Kummissjoni fl-2025, u jenħtieġ li tkun komplementari għall-istandards u l-linji gwida eżistenti stabbiliti sew relatati mal-kontinwità tal-operat ([9]).

ADOTTA/ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. DESTINATARJI

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri u tal-Istati parteċipanti fl-UCPM.

L-Istati Membri jistgħu jsibuha rilevanti għal ċentri u entitajiet nazzjonali oħra ta' kriżi li jimmaniġġjaw il-kapaċitajiet tal-UCPM.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) **"awtorità nazzjonali kompetenti"** tfisser awtorità maħtura minn Stat Membru jew Stat parteċipanti tal-UCPM ([10]) fil-qafas tal-UCPM, kif imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE;

(b) **"punt ta' kuntatt nazzjonali" (NCP)** tfisser punt ta' kuntatt għall-ERCC fi Stat Membru jew fi Stat parteċipanti tal-UCPM li jkun disponibbli 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa, maħtur f'konformità mal-Artikolu 9(7) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE u l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/704;

(c) **"funzjonijiet essenzjali"** tfisser l-attivitajiet, l-operazzjonijiet jew is-servizzi tal-NCP li huma fundamentali għat-twettiq tal-mandat u l-missjoni tiegħu u li jew ma jistgħux jiġu interrotti jew iridu jitkomplew f'perjodu ta' żmien qasir u predefinit. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, jekk funzjoni tiġix ikklassifikata bħala essenzjali għandu jiġi ddeterminat mill-urġenza li biha trid tiġi rrestawrata wara tfixkil, u mhux biss mill-importanza strateġika, operazzjonali jew istituzzjonali tagħha. Għaldaqstant, funzjonijiet ta' importanza strateġika, operazzjonali jew istituzzjonali li jistgħu jifilħu għal tfixkil jew dewmien fit-tul mingħajr impatt inaċċettabbli ma għandhomx jitqiesu bħala funzjonijiet essenzjali;

([8]) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li thassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

([9]) Standards internazzjonali: ISO 22301: 2019 (Sistemi ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Operat); Id-Direttiva dwar il-Kontinwità Federali tal-FEMA 1 (2017), id-Direttiva dwar il-Kontinwità Federali 2 (2017), iċ-Ċirkolari ta' Gwida dwar il-Kontinwità (aġġornament tal-2018, 2024), l-Analiżi tal-Proċess tan-Negozju u l-Gwida għall-Utent dwar l-Analiżi tal-Impatt tan-Negozju (2019); u l-Linji Gwida ta' Prattika Tajba (2018) mill-Istitut tal-Kontinwità tan-Negozju.

([10]) Dwar l-Istati parteċipanti, ara l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE.

(d) "**persunal essenzjali**" tfisser persunal li jaħdem fl-NCP u li jwettaq jew jappoġġa funzjonijiet essenzjali, persunal li jifforma parti mit-tim responsabbli għall-ġestjoni ta' avveniment li jikkawża tfixkil jew għar-rispons għalih, jew persunal li jaqdi ż-żewġ rwoli;

(e) "**persunal essenzjali skars**" tfisser persunal essenzjali li l-għadd żgħir tiegħu jikkostitwixxi vulnerabbiltà għall-kontinwità operazzjonali f'każ ta' assenza jew indisponibbiltà tiegħu għax-xogħol, peress li jkollu ċ-ċertifikazzjonijiet, l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà, l-awtorità, ir-responsabbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet, id-drittijiet ta' aċċess, l-għarfien, l-għarfien espert jew il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa biex iwettaq attivitajiet speċifiċi meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' funzjoni essenzjali;

(f) "konġestjoni tal-persunal" tfisser sitwazzjoni li fiha l-kontinwità ta' funzjoni essenzjali tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' membru wieħed jew aktar tal-persunal essenzjali skars;

(g) **"kontinwità operazzjonali"** tfisser il-kapaċità ta' NCP li jżomm il-funzjonijiet essenzjali tiegħu jaħdmu — li jinkludu attivitajiet, operazzjonijiet jew servizzi — meta r-riżorsi meħtieġa għal dawk il-funzjonijiet, bħal persunal essenzjali, informazzjoni, servizzi, prodotti, provvisti, dispożizzjonijiet baġitarji, tagħmir, sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jew rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni, ma jibqgħux disponibbli, issirilhom ħsara, ma jkunux jistgħu jintużaw jew jiġu interrotti;

(h) **"pjan ta' kontinwità operazzjonali"** jew **"pjan"** tfisser jew dokument uniku jew ġabra ta' proċeduri għall-kontinwità operazzjonali tal-NCP;

(i) **"avveniment ta' tfixkil"** tfisser inċident jew ċirkostanza li tipprevjeni jew iddewwem b'mod sostanzjali l-eżekuzzjoni ta' funzjoni essenzjali tal-NCP.

(j) **"irkupru"** tirreferi għar-restawr tal-kapaċitajiet operazzjonali, il-faċilitajiet, is-sistemi u r-riżorsi tal-NCP wara tfixkil.

3. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-KONTINWITÀ OPERAZZJONALI TAL-NCPS

3.1. Rakkomandazzjonijiet ewlenin

1. Il-NCP jenħtieġ li jiżviluppa pjan koerenti u komprensiv għall-kontinwità operazzjonali jew sett dokumentat ta' proċeduri li jkopru l-elementi kollha tal-kontinwità operazzjonali. Taqsima 3. It-2 fiha aktar rakkomandazzjonijiet dwar il-pjan għall-kontinwità operazzjonali.

2. L-objettiv tal-ippjanar tal-kontinwità operazzjonali huwa li jiġi żgurat li l-NCP ikun jista' jissodisfa l-funzjonijiet essenzjali tiegħu f'kundizzjonijiet degradati meta jseħħu avvenimenti ta' tfixkil. Bħala tali, l-ippjanar tal-kontinwità operazzjonali għandu jassumi li se jseħħu avvenimenti ta' tfixkil u li l-kundizzjonijiet operattivi normali jistgħu ma jiġux restawrati immedjatament jew, f'xi każijiet, jistgħu ma jiġu restawrati xejn. Jenħtieġ li l-NCP ikun kapaċi jżomm il-funzjonijiet essenzjali f'kundizzjonijiet degradati billi juża proċeduri alternattivi, faċilitajiet alternattivi, kanali ta' komunikazzjoni alternattivi u riżorsi mnaqqsa sakemm terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità sħiħa.

3. Matul avvenimenti ta' tfixkil, ir-riżorsi għandhom jingħataw prijorità lejn is-sostenn tal-funzjonijiet essenzjali tal-NCP. Dan jista' jimplika li funzjonijiet mhux essenzjali ma jistgħux jinżammu.

4. L-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jiżguraw il-ġbir, l-analiżi, il-validazzjoni u t-tixrid mingħajr interruzzjoni tal-informazzjoni operazzjonali meħtieġa biex jinżamm l-għarfien tas-sitwazzjoni tal-NCP u jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet matul it-tfixkil.

5. Il-persunal imħarreġ huwa r-riżorsa ewlenija biex tiġi żgurata l-kontinwità operazzjonali. Filwaqt li l-pjan ta' kontinwità operazzjonali, l-arranġamenti assoċjati u l-miżuri ta' riżerva jappoġġaw il-kontinwità, fl-aħħar mill-aħħar dan jiddependi fuq il-fatt li l-persunal ikun jista' jieħu deċiżjonijiet u japplika dawn il-miżuri taħt pressjoni.

6. L-ippjanar tal-kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jkun ibbażat fuq fehim profond tal-arranġamenti amministrattivi u operazzjonali tal-organizzazzjoni li għaliha jappartjeni l-NCP. Biex jinkiseb dan, il-kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti għandha tiġi promossa u ffaċilitata b'mod attiv.

7. Il-NCP għandu jivvaluta s-sorsi potenzjali ta' tfixkil għall-attivitajiet tiegħu. L-enfasi tal-valutazzjoni għandha tkun fuq il-potenzjal ta' tfixkil tagħhom għall-attivitajiet tal-NCP u fuq l-iżvilupp ta' pjan ta' rispons biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet essenzjali.

8. Meta jiġi vvalutat it-theddid għall-kontinwità operazzjonali, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proċessi u l-konġestjonijiet sensittivi għaż-żmien, inkluż:

(a) sorsi uniċi ta' informazzjoni jew informazzjoni magħrufa biss minn grupp limitat ta' persuni, inkluża informazzjoni klassifikata;

(b) tagħmir uniku jew forniturі ta' servizzi uniċi li fuqhom jiddependu l-funzjonijiet essenzjali;

(c) kanali uniċi ta' komunikazzjoni, persuni ta' kuntatt jew dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;

(d) disponibbiltà ta' persunal essenzjali skars.

9. Jenħtieġ li jiġu identifikati u eliminati l-konġestjonijiet fil-persunal, fil-faċilitajiet, fil-komunikazzjonijiet, fis-sistemi tal-ICT, fil-loġistika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Fejn ma jkunux jistgħu jiġu evitati, għandhom jiġu stabbiliti u ttestjati miżuri xierqa ta' prevenzjoni u mitigazzjoni, inklużi dawk issuġġeriti fit-Taqsima 3.9.

10. Kull tfixkil, eżerċizzju u test tal-istress għandu jidentifika t-tagħlimiet u jwassal għal titjib fl-arranġamenti tal-kontinwità operazzjonali, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza maż-żmien.

11. Għall-fini tal-kontinwità operazzjonali u l-ittestjar tal-istress għall-NCPs fi ħdan l-UCPM, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kategoriji mhux eżawrjenti li ġejjin ta' avvenimenti ta' tfixkil. L-Anness I jipprovdi deskrizzjoni ta' kull kategorija.

(a) nuqqas ta' disponibilità ta' bini;

(b) interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku;

(c) Interruzzjoni jew falliment tas-sistemi tal-ICT;

(d) nuqqas ta' persunal fuq skala kbira jew nuqqas ta "persunal essenzjali skars".

12. Il-NCP għandu jiżgura l-kapaċità tiegħu li jkompli jopera fil-każ ta' wieħed jew aktar mill-iskattaturi tal-kontinwità elenkati fil-paragrafu 11 hawn fuq.

3.2. **Pjan ta' kontinwità operazzjonali tal-NCP**

13. Kull NCP jenħtieġ li jiżviluppa pjan ta' kontinwità operazzjonali koerenti, komprensiv u bil-miktub, jew sett dokumentat ekwivalenti ta' proċeduri, li jkopri l-elementi kollha tal-kontinwità operazzjonali u li jintegra u jissistematizza r-rispons għat-tfixkil, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni u ftehimiet għal intervent immedjat.

14. Il-pjan tal-kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jipprovdi arranġamenti alternattivi għall-proċessi essenzjali kollha, speċjalment dawk sensittivi għaż-żmien, filwaqt li jiżgura li dawn ikunu jistgħu jkomplu jekk ir-riżorsi primarji jfallu. Il-backup u l-arranġamenti alternattivi għandhom ikunu kompletament indipendenti. Jenħtieġ li ma jiddependux fuq l-istess riżorsi, bħall-istess bini, sors tal-enerġija, rotta ta' komunikazzjoni, pjattaforma tal-ICT jew fornitur ta' servizzi. Jenħtieġ ukoll li ma joħolqux dipendenzi ġodda li jistgħu jintroduċu aktar riskji ta' tfixkil.

15. Il-pjan tal-kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jiġi eżerċitat regolarment f'kundizzjonijiet realistiċi. Il-pjanijiet li ma jkunux ġew ivvalidati permezz ta' taħriġ, eżerċizzji jew testijiet tal-istress jenħtieġ li ma jitqisux operazzjonali. Il-programm ta' kontinwità operazzjonali għandu jinkludi taħriġ obbligatorju regolari għall-persunal essenzjali; ittestjar u eżerċizzji regolari li jinvolvu l-attivazzjoni tal-pjan, u r-rieżami u l-aġġornament sistematiċi tiegħu, filwaqt li jiġi żgurat li l-persunal u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati jkunu konxji u mħarrġa dwar l-aġġornamenti.

16. Skont l-istruttura tal-organizzazzjoni, il-NCP għandu jinvolvi fl-iżvilupp tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali persunal li mhuwiex direttament involut f'funzjonijiet essenzjali iżda li għandu l-għarfien espert jew l-għarfien meħtieġ biex jappoġġa fehim ġenerali tal-funzjonijiet tal-organizzazzjoni.

17. Il-NCPs jenħtieġ li jikkunsidraw li jaħtru, fi ħdan l-organizzazzjoni tagħhom, funzjoni ta' koordinazzjoni tal-kontinwità ddedikata għall-pjan tal-kontinwità operazzjonali. Skont id-daqs u l-istruttura tal-NCP, il-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-kontinwità jenħtieġ li tiġi eżerċitata minn koordinatur uniku, minn tim iddedikat li jlaqqa' flimkien rappreżentanti taż-żoni operazzjonali rilevanti, jew permezz ta' arranġamenti oħra adattati għall-kuntest nazzjonali. Meta jiġi kkostitwit grupp, dan jenħtieġ li jinkludi membri b'għarfien espert fl-oqsma operazzjonali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-pjan, bħas-sistemi tal-ICT, il-bini alternattiv, ir-riżorsi umani jew il-loġistika. Ir-rwol tal-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-kontinwità jenħtieġ li jkun li tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti, ir-rieżami perjodiku u l-aġġornament tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali, inkluża l-verifika tar-riżorsi u l-arranġamenti li fuqhom jiddependi l-pjan.

3.3. **Identifikazzjoni tal-funzjonijiet essenzjali**

18. Il-NCP għandu jidentifika l-funzjonijiet essenzjali tiegħu u jistabbilixxi u jżomm inventarju tagħhom. Minbarra l-funzjonijiet relatati mal-UCPM, bħall-ġestjoni tat-talbiet għall-assistenza u l-offerta u l-iskjerament tal-kapaċitajiet ta' rispons tal-UCPM, il-NCP jista' jkollu bżonn ukoll jiżgura l-kontinwità ta' funzjonijiet essenzjali oħra għall-organizzazzjoni. Eżempji jinkludu l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, il-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, il-ħruġ ta' twissijiet pubbliċi, u l-appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' livell ogħla.

Għal kull funzjoni essenzjali, il-NCP jenħtieġ li jistabbilixxi objettivi tal-prestazzjoni operazzjonali li jiddefinixxu d-degradazzjoni massima aċċettabbli tas-servizzi matul avvenimenti ta' tfixkil. Tali objettivi jenħtieġ li jinkludu, fejn xieraq, il-perjodu massimu tollerabbli ta' tfixkil, l-objettivi tal-ħin tal-irkupru, it-telf aċċettabbli ta' informazzjoni operazzjonali, il-livelli minimi ta' persunal, id-disponibbiltà tal-komunikazzjoni u l-kapaċità tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn l-objettivi għandhom jiggwidaw it-tfassil tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali u jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tat-testijiet tal-istress. L-Anness II fih eżempji ta' objettivi tal-prestazzjoni operazzjonali.

19. Huwa rakkomandabbli li l-funzjonijiet essenzjali jiġu kklassifikati skont il-prijorità tagħhom jew l-urġenza li biha jridu jitkomplew.

3.4. **Analiżi tal-Proċess tan-Negozju u riżorsi ta' riżerva**

20. Abbażi tal-inventarju tal-funzjonijiet essenzjali, il-NCP għandu jwettaq Analiżi tal-Proċess tan-Negozju (BPA) u jiżviluppa soluzzjonijiet ta' riżerva biex jiżgura l-kontinwità tal-funzjonijiet essenzjali tiegħu. Il-BPA għandu jinkludi fehim komprensiv ta' kif joperaw il-funzjonijiet, billi jiddetermina, għal kull funzjoni:

(a) il-kompiti li jiffurmaw il-funzjoni;

(b) it-twaqqit u s-sekwenza tal-kompiti, inkluż id-durata, u l-passi sensittivi għall-ħin;

(c) min iwettaq liema kompitu, inkluż il-profil, l-għarfien espert jew it-taħriġ meħtieġ;

(d) il-fluss ta' informazzjoni, inkluż kif id-data, it-talbiet u l-outputs jimxu bejn l-atturi u s-sistemi;

(e) li jivvalida jew jawtorizza l-proċess(i);

(f) liema riżorsi jintużaw u liema inputs minn atturi esterni huma meħtieġa, inklużi informazzjoni, settijiet ta' data, servizzi, prodotti, provvisti, dispożizzjonijiet baġitarji, tagħmir, sistemi tal-ICT u rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni, bħal kumpaniji privati li jipprovdu l-enerġija jew jipprovdu servizzi ta' sigurtà. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal-livell ta' klassifikazzjoni tal-informazzjoni, kif ukoll għall-kmamar u l-apparat użati għall-ġestjoni tagħha;

(g) x'riżultati jirriżultaw mill-funzjoni, inklużi informazzjoni, prodotti jew servizzi speċifiċi, jew azzjonijiet ta' koordinazzjoni, validazzjoni jew awtorizzazzjoni;

(h) liema organizzazzjoni (jiet) esterna/i jew gruppi ta' partijiet ikkonċernati jirċievu l-output (s);

(i) liema dipendenzi u interdipendenzi jeżistu li huma essenzjali għall-operazzjonijiet, inklużi r-relazzjonijiet u l-ftehimiet mal-atturi esterni - l-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u ta' Stati parteċipanti tal-UCPM, operaturi essenzjali tal-infrastruttura, fornituri ta' servizzi, fornituri eċċ. - speċifika l-input jew l-output mistenni;

(j) x'riżorsi ta' riżerva u arranġamenti alternattivi huma disponibbli.

21. Meta jwettqu l-Analiżi tal-Proċess tan-Negozju tagħhom, il-NCPs huma mistiedna jqisu t-tabella fl-Anness III.

3.5. **Prattiki rakkomandati għal faċilitajiet u tagħmir alternattivi**

22. Il-NCP jenħtieġ li jiżgura l-kapaċità tiegħu li jkompli jopera meta l-bini tiegħu jsir temporanjament inaċċessibbli jew mhux utilizzabbli, inkluż l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' tagħmir ewlieni.

23. Il-faċilitajiet primarji u alternattivi u s-soluzzjonijiet temporanji għandhom ikunu siguri u jkollhom livell ta' klassifikazzjoni xieraq. Dan għandu jkun proporzjonat man-natura tal-kriżijiet indirizzati u s-sensittività jew il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni li tkun qed tiġi ttrattata.

3.6. **Prattiki rakkomandati għall-provvista tal-elettriku**

24. Il-NCP għandu jiżgura l-kapaċità tiegħu li jkompli jopera f'każ ta' qtugħ lokali jew qtugħ mifrux.

25. Il-faċilitajiet primarji u alternattivi, inklużi l-faċilitajiet temporanji, jenħtieġ li jkollhom arranġamenti għall-provvista tal-elettriku li jkunu reżiljenti u li jkollhom sistemi ta' riżerva, sabiex l-NCP ikun jista' jkompli jopera u jipprovdi l-funzjonijiet essenzjali tiegħu matul qtugħ twil tal-enerġija.

26. Il-miżuri stabbiliti għall-NCPs jenħtieġ li jiġu implimentati, fejn rilevanti, b'mod li jkun konsistenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' thejjija għar-riskji tal-elettriku stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) u l-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass, kif ukoll mal-arranġamenti nazzjonali eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

3.7. **Prattiki rakkomandati għas-sistemi tal-ICT**

27. Il-NCP għandu jiżgura li s-sistemi tal-ICT li jappoġġjaw il-funzjonijiet essenzjali tiegħu jkunu affidabbli u reżiljenti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil:

(a) il-kontinwità tal-aċċess għal bażijiet tad-data, dokumenti u emails, inkluż id-disponibbiltà ta' listi ta' kuntatti aġġornati, il-kontinwità tal-komunikazzjoni mal-ERCC u l-Istati Membri u l-Istati parteċipanti tal-UCPM, u l-kontinwità tas-sistemi ta' pproċessar u ġestjoni għall-ġbir u l-monitoraġġ tal-informazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-azzjonijiet meħuda;

(b) l-integrazzjoni tat-teknoloġija, billi jiġu żgurati l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi essenzjali ma' strutturi remoti u postijiet alternattivi, inkluża l-kapaċità ta' dawk il-postijiet li jikkonnettjaw mas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS) u li jittrattaw informazzjoni klassifikata meta joperaw mill-bogħod; arranġamenti bħal dawn għandhom jiġu vverifikati permezz ta' ttestjar xieraq;

(c) is-sigurtà tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, inkluża l-possibbiltà li jiġu stabbiliti konnessjonijiet klassifikati u li jiġu skambjati komunikazzjonijiet klassifikati kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali.

(d) rekords tal-forniturі terzi kollha tal-apparati u s-software użati fl-NCP.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-thejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/941/oj).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1938/oj).

28. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-inċidenti ċibernetiċi bħala kategorija distinta ta' tfixkil fl-ICT. Il-NCP jenħtieġ li jikkunsidra li jistabbilixxi protokolli ta' koordinazzjoni mal-awtorità nazzjonali taċ-ċibersigurtà, bħala parti mill-arranġamenti usa' tal-kontinwità operazzjonali tiegħu. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu kanali ta' twissija bikrija, protokolli konġunti ta' rispons għall-inċidenti, u l-kjarifika tar-rwoli matul inċident ċibernetiku li jaffettwa l-NCP.

3.8. **Prattiki rakkomandati għar-riżorsi umani**

29. Jenħtieġ li l-NCP jiżgura li jkollu biżżejjed persunal biex jibqa' operattiv f'sitwazzjonijiet ta' disponibbiltà mnaqqsa tal-persunal u li l-persunal tiegħu jkollu l-profili u l-ħiliet meħtieġa.

30. Il-NCP għandu jikkunsidra dan li ġej:

(a) l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet u l-isfond xierqa, inkluż esperjenza fil-ġestjoni tal-kriżijiet u, fejn applikabbli, l-approvazzjoni tas-sigurtà meħtieġa biex tiġi ttrattata informazzjoni klassifikata. Jenħtieġ li tiżviluppa u timplimenta mekkaniżmi għall-verifika tal-kompetenzi professjonali u tipprovdi programmi komprensivi ta' onboarding u ta' taħriġ kontinwu biex iżżomm u ssaħħaħ il-ħiliet tal-persunal, filwaqt li tiżgura li l-persunal ikun imħejji bis-sħiħ biex iwieġeb b'mod effettiv għall-attivazzjonijiet tal-UCPM. It-taħriġ jenħtieġ li jkopri wkoll il-prevenzjoni ta' tfixkil ikkawżat minn żball uman jew azzjoni malizzjuża, inkluż sensibilizzazzjoni essenzjali dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni, bħar-riskju maħluq mill-inġinerija soċjali.

(b) l-għoti ta' taħriġ regolari biex il-persunal jinżamm aġġornat dwar l-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali u dwar l-użu ta' tagħmir u sistemi tal-ICT f'postijiet ewlenin u alternattivi. Għandha tesplora taħriġ addizzjonali għall-persunal tal-NCP fil-ġestjoni ta' diżastri u kriżijiet fit-tul u fl-operazzjonijiet tal-UCPM.

(c) l-iżvilupp ta' pjanijiet biex tiġi żgurata r-rotazzjoni tal-persunal matul emerġenzi fit-tul, inkluża l-ġestjoni tal-kapaċità ta' żieda f'daqqa. Għandha tistabbilixxi gruppi ta' ħidma bi rwoli u pjanijiet ta' suċċessjoni ċari biex ittejjeb il-koordinazzjoni matul il-kriżijiet.

(d) l-istabbiliment ta' arranġamenti tat-trasport sabiex jiġi żgurat li l-persunal essenzjali jkun jista' jilħaq il-post li fih ikun meħtieġ iwettaq id-dmirijiet tiegħu, fejn rilevanti, kemm jekk fis-sit primarju, f'sit alternattiv jew f'unità mobbli.

(e) l-istabbiliment ta' salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-persunal.

(f) l-iżvilupp ta' pjanijiet għall-benessri tal-persunal li jkopru l-ikel, l-ilma, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-faċilitajiet tal-NCP u l-appoġġ psikoloġiku biex il-persunal jiġi megħjun jittratta l-istress u l-għeja. Tali pjanijiet jenħtieġ li jipprevedu operazzjonijiet fit-tul f'ambjenti ristretti u jqisu ċ-ċirkostanzi individwali jew personali tal-persunal essenzjali, inklużi l-ħtiġijiet relatati mal-familja fejn rilevanti.

(g) l-istabbiliment ta' politiki dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza biex jiġi żgurat li l-ippjanar tal-kontinwità jikkonforma mal-protezzjoni tad-data personali matul u wara l-inċidenti.

31. Jenħtieġ li l-funzjonijiet essenzjali jiġu appoġġati minn arranġamenti xierqa għall-kontinwità operazzjonali, taħriġ strutturat u sistematiku tal-persunal fil-kompiti ta' xulxin, u eżerċizzji regolari, sabiex ikunu jistgħu jitwettqu minn diversi membri tal-persunal imħarrġa, u b'hekk jiġu evitati konġestjonijiet tal-persunal. L-ebda funzjoni essenzjali unika ma għandha tiddependi esklużivament fuq id-disponibbiltà ta' membru tal-persunal wieħed.

3.9. **Miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni għal kull kategorija ta' avveniment ta' tfixkil**

32. It-Taqsima li ġejja tipprovdi lista indikattiva ta' miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni rakkomandati għal kull kategorija ta' avveniment ta' tfixkil. Filwaqt li dawn jistgħu jiġu implimentati b'mod parallel, kull Stat Membru jenħtieġ li jagħżel l-aktar għażliet xierqa u effettivi bbażati fuq il-mandat, il-kuntest, iċ-ċirkostanzi, il-kapaċità tal-NCP tiegħu, l-istruttura tal-qafas operazzjonali u legali tiegħu, u l-kawżi potenzjali tat-tfixkil li jistgħu jaffettwaw il-funzjonijiet essenzjali tal-NCP tiegħu. Il-lista mhijiex maħsuba biex tiġi applikata bis-sħiħ simultanjament, peress li, f'xi każijiet, l-implimentazzjoni ta' miżura waħda tista' tkun f'kunflitt mal-applikazzjoni ta' miżura oħra jew tirrikjedi investiment eċċessiv.

33. Miżuri rakkomandati ta' prevenzjoni u mitigazzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-bini:

(a) distribuzzjoni ġeografika tal-NCP f'żewġ ċentri ġeografikament separati jew aktar li joperaw simultanjament, li jipprovdu appoġġ reċiproku ta' backup u overflow lil xulxin.

(b) rilokazzjoni għal bini alternattiv ġestit mill-awtorità tal-NCP

(c) trasport irranġat minn qabel għall-persunal essenzjali lejn bini alternattiv (inkluż f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp)

(d) xogħol mill-bogħod (li jinvolvi l-flessibbiltà tal-kompiti li jistgħu jitwettqu barra mill-post fiżiku tal-NCP).

(e) unitajiet mobbli ta' kmand u kontroll li jistgħu jospitaw temporanjament il-persunal essenzjali mill-NCP.

(f) attivazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet oħra biex jużaw il-bini tagħhom

(g) devoluzzjoni

34. Miżuri rakkomandati ta' prevenzjoni u mitigazzjoni biex jiġi indirizzat il-qtugħ tal-elettriku:

(a) attivazzjoni ta' ġeneraturi u Provvisti tal-Enerġija Mingħajr Interruzzjoni (UPSs).

(b) arranġamenti u ftehimiet ta' provvista tal-fjuwil ta' prijorità mal-fornituri.

(c) l-awtonomija tal-enerġija u s-sorsi alternattivi tal-enerġija għall-funzjonijiet essenzjali.

(d) il-massimizzazzjoni tal-kapaċità tal-enerġija disponibbli.

(e) rilokazzjoni għal bini alternattiv ġestit mill-awtorità tal-NCP bi provvista ta' elettriku garantita

(f) xogħol mill-bogħod minn bini bi provvista garantita tal-elettriku

(g) unitajiet mobbli ta' kmand u kontroll li huma awtosuffiċjenti f'termini ta' elettriku

(h) attivazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet oħra biex jużaw il-bini tagħhom bi provvista tal-elettriku garantita

(i) devoluzzjoni

35. Miżuri rakkomandati ta' prevenzjoni u mitigazzjoni biex jiġi indirizzat il-qtugħ jew falliment tas-sistemi tal-ICT:

(a) ridondanza

(b) backups regolari u siguri tad-data, inklużi kopji mhux fuq il-post u offline

(c) sistemi, pjattaformi u kanali ta' komunikazzjoni alternattivi tal-ICT

(d) timijiet ta' appoġġ tal-ICT ta' emerġenza jew unitajiet ta' rispons tekniku on-call

(e) proċeduri ta' rispons għal inċidenti ċibernetiċi kkoordinati mal-awtorità nazzjonali taċ-ċibersigurtà.

(f) kopji offline ta' listi ta' kuntatt essenzjali, proċeduri ewlenin u dokumenti operazzjonali

(g) unitajiet mobbli ta' kmand u kontroll b'aċċess għal sistemi tal-ICT primarji u ta' riżerva

(h) rilokazzjoni għal bini alternattiv ġestit mill-awtorità tal-NCP b'aċċess għal sistemi ta' ICT primarji u sekondarji

(i) attivazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet oħra biex jużaw il-bini tagħhom b'aċċess għal sistemi ta' ICT

36. Miżuri rakkomandati ta' prevenzjoni u mitigazzjoni biex jiġu indirizzati l-assenza tal-persunal fuq skala kbira u l-assenza ta' persunal essenzjali skars:

(a) ġestjoni tas-sahra (soluzzjoni għal żmien qasir)

(b) assenjazzjoni mill-ġdid tal-kompiti lill-persunal disponibbli

(c) grupp identifikat minn qabel ta' persunal imħarreġ minn ġewwa l-istituzzjoni, disponibbli fi żmien qasir

(d) prijoritizzazzjoni tar-reklutaġġ tal-persunal

(e) investiment fiż-żamma essenzjali tal-persunal

(f) appoġġ għall-familji ta' persunal essenzjali

(g) il-prevenzjoni ta' konġestjonijiet tal-persunal billi tiġi ddelegata l-awtorità u tiġi promossa tmexxija kondiviża

37. L-Anness IV jipprovdi gwida teknika għall-implimentazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri elenkati.

3.10. **Kontinwità tal-operazzjonijiet fil-każ ta' attivazzjonijiet tal-UCPM**

38. Biex jissaħħu l-operazzjonijiet tal-UCPM u tiġi żgurata l-kontinwità, huma rrakkomandati l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) Meta l-pajjiż ikollu aċċess għas-Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (TESTA) jew TESTA-EIRIS (suċċessur tat-TESTA), identifika l-Koordinatur nazzjonali tat-TESTA tal-pajjiż. Jiżgura li l-Punt ta' Kuntatt CECIS tal-pajjiż ikollu d-dettalji ta' kuntatt tal-Koordinatur nazzjonali TESTA tal-pajjiż u li dawn id-dettalji jibqgħu aġġornati. Tiżgura li l-Punt ta' Kuntatt CECIS tal-pajjiż jifhem il-pjan ta' kontinwità operazzjonali tal-aċċess lokali/nazzjonali tiegħu għall-gateway TESTA fil-pajjiż.

(b) Jiżviluppaw protokolli biex jiddistingwu bejn nuqqasijiet fil-konnettività tat-TESTA u nuqqasijiet fil-pjattaforma tas-CECIS meta tintalab assistenza permezz tal-UCPM, u biex jippermettu talbiet għal assistenza f'każ ta' tfixkil tat-TESTA fil-pajjiż tal-NCP.

(c) Fejn xieraq, jesploraw arranġamenti għal appoġġ operazzjonali reċiproku ma' awtoritajiet nazzjonali oħra biex jiżguraw li l-NCP ikun jista' jkompli jwettaq il-funzjonijiet essenzjali tiegħu jekk tfixkil jiddegrada b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-kontinwità operazzjonali tal-NCP. B'mod partikolari, arranġamenti bħal dawn għandhom jinvolvu awtoritajiet b'aċċess għat-TESTA, sabiex l-NCP ikun jista' jaċċessa s-CECIS minn bini alternattiv.

(d) Fejn xieraq, tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi arranġamenti amministrattivi bilaterali għal appoġġ operazzjonali reċiproku ma' pajjiżi ġirien li huma Stati Membri jew Stati parteċipanti fl-UCPM, f'sitwazzjonijiet fejn tfixkil jiddegrada b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' kontinwità operazzjonali tal-NCP u l-arranġamenti msemmija fil-punt (b) ma jkunux possibbli. Tali arranġamenti jenħtieġ li jippermettu lill-NCP juża l-bini ta' dawk il-pajjiżi u jaċċessa n-network TESTA.

(e) Jipprovdi taħriġ dwar is-CECIS lil persunal ġdid u jiskeda eżerċizzji regolari għall-persunal.

(f) Abbaži tal-istruttura nazzjonali tal-protezzjoni ċivili, il-pjan ta' kontinwità jenħtieġ li jinkludi arranġamenti biex jiġu żgurati komunikazzjonijiet bla xkiel bejn l-NCP u awtoritajiet rilevanti oħra li, jekk ikun meħtieġ, ikunu awtorizzati jitolbu l-attivazzjoni tal-UCPM.

(g) Il-pjan ta' kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jqis dawk il-partijiet ikkonċernati nazzjonali li huma s-sidien u jimmaniġġjaw ir-riżorsi tal-UCPM li ma jappartjenux għall-awtorità tal-NCP iżda li jistgħu jsiru disponibbli għal intervent fuq talba permezz tal-UCPM.

39. Il-pjan tal-kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jiġi allinjat mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2024 dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar l-Appoġġ tan-Nazzjon Ospitanti ([13]), speċifikament fir-rigward tal-attivazzjonijiet tal-UCPM mill-NCP u r-rwol tiegħu fl-Appoġġ tan-Nazzjon Ospitanti ([14]).

([13]) C(2024) 8339.

([14]) L-appoġġ tan-nazzjon ospitanti ("HNS", Host nation support) huwa definit skont l-Artikolu 4(9) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE bħala kwalunkwe azzjoni meħuda fil-fażijiet ta' tħejjija u reazzjoni mill-pajjiż li jirċievi jew jibgħat l-assistenza, jew mill-Kummissjoni, biex jitneħħew ostakli prevedibbli għall-assistenza internazzjonali offruta permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Dan jinkludi appoġġ mill-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat it-tranżitu ta' din l-assistenza mit-territorju tagħhom.

3.11. **Attivazzjoni tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali**

40. Skont in-natura u l-iskala tat-tfixkil, il-pjan tal-kontinwità operazzjonali tal-NCP jenħtieġ li jiddefinixxi livelli ta' attivazzjoni differenti, inkluża attivazzjoni parzjali, fejn l-NCP ikompli jopera mill-bini ewlieni tiegħu skont proċeduri adattati, u attivazzjoni sħiħa, li tirrikjedi rilokazzjoni lejn bini alternattiv jew arranġamenti alternattivi oħra.

41. Il-kriterji, il-livelli ta' attivazzjoni u l-iskattaturi, kif ukoll l-awtorità mogħtija s-setgħa li tawtorizza l-attivazzjoni, jenħtieġ li jiġu definiti fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-istruttura u l-qafas operazzjonali ta' kull NCP. Eżempju illustrattiv ta' fluss ta' attivazzjoni huwa pprovdut fl-Anness V.

42. Il-proċeduri ta' attivazzjoni jenħtieġ li jippermettu l-attivazzjoni f'waqtha tal-arranġamenti ta' kontinwità b'reazzjoni kemm għal interruzzjonijiet attwali kif ukoll għal dawk antiċipati, inklużi avvenimenti li jseħħu barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol u avvenimenti li għalihom tkun disponibbli twissija bil-quddiem.

43. F'każ li inċident ifixkel il-kontinwità operazzjonali tal-NCP, u jiskatta l-attivazzjoni tal-pjan tal-kontinwità operazzjonali tiegħu, il-NCP jenħtieġ li jikkunsidra li jinnotifika lill-ERCC.

3.12. **Taħriġ, eżerċizzji u ttestjar regolari**

44. Il-pjanijiet ta' kontinwità operazzjonali għandhom jiġu mħarrġa, eżerċitati u ttestjati regolarment. Huwa rrakkomandat li jiġu skedati sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni kif ukoll sessjonijiet ta' taħriġ u eżerċizzji relatati mal-pjanijiet ta' kontinwità. Taħriġ regolari ieħor, bħal taħriġ ta' onboarding għal persunal ġdid, jenħtieġ li jinkorpora wkoll l-elementi meħtieġa tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati esterni li jistgħu jiġu affettwati minn tfixkil fl-attivitajiet tal-NCP jenħtieġ li titqies ukoll f'sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni mmirati, kif ukoll f'eżerċizzji.

45. Bħala minimu, il-pjan ta' kontinwità operazzjonali għandu jiġi ttestjat kull sena. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat ittestjar aktar frekwenti meta dan ikun iġġustifikat mill-istruttura, il-kuntest operazzjonali jew il-profil tar-riskju tal-NCP.

3.13. **Rkupru**

46. Ladarba l-effetti negattivi tal-avveniment ta' tfixkil ikunu ġew mitigati, il-NCP għandu jittratta r-ritorn gradwali għal operazzjonijiet normali bħala fażi distinta ta' kontinwità operazzjonali: l-irkupru huwa l-fażi li fiha l-NCP jagħmel tranżizzjonijiet mill-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali lura għal operazzjonijiet normali, inkluż it-tkomplija ta' funzjonijiet importanti (iżda mhux essenzjali) li setgħu ġew sospiżi temporanjament.

47. Il-pjan ta' kontinwità operazzjonali jenħtieġ li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-bidu tal-irkupru, jidentifika l-awtorità bis-setgħa li tawtorizza t-tranżizzjoni, u jispeċifika l-passi meħtieġa għar-ritorn sikur għal operazzjonijiet normali.

48. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fil-fażi ta' rkupru:

(a) Verifika tal-kundizzjonijiet għall-irkupru. Qabel it-tranżizzjoni, il-NCP għandu jikkunsidra jekk l-avveniment ta' tfixkil sottostanti ġiex solvut jew mitigat biżżejjed; jekk il-bini primarju, is-sistemi tal-ICT u l-kanali ta' komunikazzjoni humiex kompletament operattivi mill-ġdid; u jekk l-integrità tal-bażijiet tad-data u tad-dokumenti ġietx ivverifikata. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lid-data replikata matul it-tfixkil, biex jiġi evitat li tintilef l-informazzjoni ġġenerata waqt li kienu fis-seħħ arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali.

(b) Tranżizzjoni gradwali tal-funzjonijiet essenzjali. Il-funzjonijiet essenzjali ma għandhomx jiġu trasferiti lura f'daqqa. Il-NCP jenħtieġ li jikkunsidra li jittrasferixxihom f'ordni inversa ta' prijorità, billi jibda b'dawk li għalihom interruzzjoni qasira matul it-tranżizzjoni hija l-aktar tollerabbli, filwaqt li jżomm funzjonijiet tal-ogħla prijorità skont l-arranġamenti ta' kontinwità sakemm l-ambjent normali jiġi kkonfermat li huwa stabbli. Operazzjoni parallela għandha tintuża matul it-tranżizzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' falliment kaskata.

(c) *It-tkomplija ta' funzjonijiet importanti*. Il-funzjonijiet mhux essenzjali li ġew sospiżi temporanjament matul l-interruzzjoni għandhom jerġgħu jibdew biss ladarba l-funzjonijiet essenzjali jiġu kkonfermati stabbli skont arranġamenti normali. L-ordni u r-ritmu tat-tkomplija jenħtieġ li jiġu aġġustati għad-disponibbiltà tal-persunal, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali spiss iżidu l-ammont ta' xogħol u l-għeja tal-persunal.

(d) Iċċekkja għal vulnerabbiltajiet addizzjonali. Il-NCP jenħtieġ li jivverifika li l-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali ma jkunux introduċew vulnerabbiltajiet addizzjonali qabel ma jirritornaw għal operazzjonijiet normali.

49. Il-NCP għandha wkoll twettaq l-attivitajiet li ġejjin:

(a) *Informazzjoni ta' wara l-avveniment*. Biex jgħin fl-identifikazzjoni ta' x'ħadem u x'ma ħadimx, il-NCP għandu jiskeda debriefing li jinvolvi l-kategoriji kollha tal-persunal li pparteċipaw fir-rispons.

(b) *Dokumentazzjoni ta' wara l-azzjoni*. Il-NCP jenħtieġ li jipproduċi dokument strutturat ta' wara l-azzjoni li jiġbor fil-qosor is-sekwenza tal-avvenimenti, l-attivazzjoni tal-arranġamenti ta' kontinwità operazzjonali, il-prestazzjoni tal-funzjonijiet essenzjali, il-lakuni osservati, u t-tagħlimiet identifikati.

(c) *L-integrazzjoni tat-tagħlimiet identifikati fil-pjan ta' kontinwità operazzjonali*. Wara kull avveniment ta' tfixkil li jiskatta l-attivazzjoni tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali, il-NCP jenħtieġ li jistabbilixxi perjodu ta' żmien definit għall-aġġornament tal-pjan, sabiex it-tagħlimiet identifikati jiġu inkorporati qabel ma jisparixxu mill-memorja operazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-NCP jistabbilixxi proċess għat-traċċar tan-nuqqasijiet identifikati u tal-azzjonijiet korrettivi, u għall-ittestjar mill-ġdid tal-miżuri aġġornati kif xieraq. Fejn rilevanti, it-tagħlimiet identifikati għandhom jissarrfu wkoll f'titjib fl-attivitajiet normali tal-NCP.

3.14. **Strateġija ta' komunikazzjoni**

50. Il-ġestjoni effiċjenti ta' avvenimenti ta' tfixkil tinvolvi l-komunikazzjoni, u kull NCP għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni solida li tirrikonoxxi r-responsabbiltajiet tal-NCP għall-komunikazzjoni ġenerali u għall-komunikazzjoni f'każ ta' kriżi. Din l-istrateġija għandha tiggwida d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-NCP dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni matul it-tfixkil, filwaqt li tiżgura li l-partijiet kollha involuti jew affettwati jirċievu l-informazzjoni meħtieġa u, fejn applikabbli, ikunu jistgħu jagħixxu kif xieraq, u b'hekk tgħin biex tiġi protetta r-reputazzjoni tal-organizzazzjoni u tinżamm il-fiduċja. L-Anness VI fih punti ssuġġeriti li għandhom jiġu kkunsidrati mill-NCP meta jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni solida.

4. **RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-ORGANIZZAZZJONI U T-TWETTIQ TA' TEST TAL-ISTRESS**

51. Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-ittestjar tal-istress tal-NCPs fl-UCPM. Din it-taqsima tipprovdi gwida dwar kif għandu jitfassal u jiġi evalwat test tal-istress.

4.1. **Ambitu u Għanijiet**

52. L-għan tat-test tal-istress għandu jkun li jivvaluta l-kapaċità tal-NCP li jkompli jwettaq il-funzjonijiet essenzjali tiegħu f'kundizzjonijiet ta' tfixkil. Għal dak l-għan, it-test tal-istress jenħtieġ li jieħu l-forma ta' eżerċizzju fuq skala limitata mfassal biex jevalwa l-arranġamenti eżistenti għall-kontinwità operazzjonali u l-prestazzjoni tal-funzjonijiet essenzjali mmirati tal-NCP f'kundizzjonijiet ta' tfixkil, inkluż billi jiġu ttestjati kemm ir-riżorsi primarji kif ukoll dawk alternattivi.

53. It-test tal-istress għandu jsegwi l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) ir-rieżami, l-aġġornament u l-validazzjoni tal-pjan ta' kontinwità operazzjonali, kif ukoll il-valutazzjoni tal-għarfien espert, it-tagħmir u l-arranġamenti operazzjonali relatati mal-kontinwità tal-NCP;

(b) jittejjeb il-fehim tal-prijoritajiet u r-restrizzjonijiet u jinbidlu l-perċezzjonijiet fir-rigward tal-kontinwità operazzjonali tal-NCP;

